**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri**
**Spettur Lydon Zammit**
**Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Victor Galea**

**Illum, 15 ta' Frar 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> "**Victor Galea**, detentur tal-karta ta' l-identita' 12085M
>
> "Nakkuzawh talli nhar it-13 ta' Frar 2019, ghal habta tas-15.00hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' St. Catherine's Confectionary li jinsab fi Triq San Duminku, Haz Zabbar :

1. Ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u li sar ghad-dannu ta’ Sandro Vella u/jew persuna/i w/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra skond *Artikoli 261(a)(b, 262(1)(b), 263(b), 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

2. Fl-istess data , hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Danica Fiteni kontra l-volonta’ taghha skond l-*Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta*

3. Fl-istess data , hin, lok, u cirkostanzi, garr ‘il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija skond *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta’ Malta*

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u il-Qorti tal-Apell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija, tordna lill-akkuzat ihallas ghall-ispejjes li jkollhom x’jaqsmu ma l-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba illi f’kaz ta’ kundanna, tapplika il-provedimenti tal-artiklu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Victor Galea rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta’ l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 86, 87(1)(e), 261(a)(b), 262(1)(b), 263(b) u 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Victor Galea ħati u wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz minn fejn jirrizulta li dan huwa kaz socjali, tikkunsidra li piena effettiva ta' prigunerija ma hiex idoneja ghll-kaz in ezami, u ghalhekk qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum, f'liema zmien l-imputat ghandu jkun segwit u jinghata l-ghajnuna mehtiega anke dik professjonali li jirrizulta li ghandu bzonn wara evalwazzjoni appozita.

U Tikkundanna lill-imputat ghall-multa fl-ammont ta' mija u sittax il-Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), pagabbli f'sitt xhur f'pagamenti mensili ta' dsatax il-Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€19.41).

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur